2 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Antonio Zammit

## Sperġur — Provi — Sentenza — Nullità — Art. 388(1)(b) u (2), u art. 635(1) tal-Kodiċi Kriminali

*Il-fatt li, meta jittieħed mill-Maġistrat notament tad-depożizzjoni ta' xhud, dak in-notament għandu jinqara lix-xhud, u għandu jiġi verbalizzat li ġie hekk moqri, ma jfisserx illi, jekk dan ma jsirx, dak in-notament mhux ammissibbli bħala bażi ta' inkriminazzjoni ta' sperġur dedotta kontra dak ix-xhud; għaliex, għalkemm din il-formalità hija mposta mill-liġi, in-nuqqas tagħha ma jippreklud ix li dak li xehed ix-xhud jiġi pruvat "aliunde".*

*Lanqas ma hu ammissibbli r-riljev li l-Maġistrat ma semma xejn fis-sentenza l-element tax-"scienter". Dan mhux motiv ta' nullità tas-sentenza li sabet l-imputat ħati ta' xhieda falza; għax wieħed għandu jirritjeni li, ladarba l-Maġistrat wasal għall-konklużjoni tar-reità, hu kien sodisfatt li kienu jikkonkorru l-elementi kollha biex tiġi ntegrata l-ipotesi tal-liġi, kompriż l-element intenzjonali. Kien ikun divers il-każ kieku xi element meħtieġ kien imsemmi u kien żbaljat.*

*Imputazzjoni ta' sperġur tista' tiġi sostnuta fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, meta dan ix-xhud huwa korroborat f'xi ċirkustanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat minn provi oħra miġjubin skond il-liġi.*

Il-Qorti; — Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tas-26 ta' Novembru 1956, tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tiddeċidi fuq l-imputazzjoni li l-imputat, fil-21 ta' Settembru 1956, quddiem il-Qorti Kriminali tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta, ta xhieda falsa fi proċeduri kriminali dwar reat suġġett għall-piena ta' anqas minn sentejn lavori forzati jew priġunerija;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Jannar 1957, li biha sabet lill-imputat ħati fit-termini tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, u kkundannatu għall-piena ta' sena lavori forzati;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih talab li tiġi revokata s-sentenza appellata, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ix-xhieda nkriminata hi dik li tagħha l-Maġistrat żamm in-notament fol. 28;

Id-difiża ssottomettiet il-preġudizzjali li dak in-notament ma hux ammissibbli bħala bażi tal-inkriminazzjoni, għaliex, meta jittieħed notament simili, għandu jinqara lix-xhud, u għandu jiġi verbalizzat il-fatt li ġie hekk moqri; u dan skond l-art. 388(1)(b) u (2) Kap. 12;

Din l-eċċezzjoni, però, ma hijiex aċċettabbli; għaliex in-nuqqas tal-formalità fuq imsemmija ma jipprekludix li jiġi pruvat "aliunde" dak li l-imputat xehed, kif wieħed jista' jiddeżumi mit-tielet subartikolu tal-artikolu fuq imsemmi. Il-prattika dejjem kienet ukoll f'dan is-sens; u l-Imħallef sedenti jiftakar tajjeb li, meta kien qiegħed jeżerċita l-avvokatura, hu stess, fil-kors tad-difiża fi proċessi bil-jury, kien

issolleva eċċezzjoni simili, sija quddiem il-President Refalo, sija quddiem il-President Mercieca, li dejjem irritenew, fl-indirizz tal-gurati, li l-prova setghet issir "aliunde". U jif-takar ukoll, almenu f'żewġ każijiet li ma setgħax jirrintraċ-ċja, tant lill-kompjant Maġistrat Dr. Bartoli, kemm lill-kompjant Maġistrat Dr. Ellul, jixhdu dwar dak li kien xehed l-imputat taht process ta' spergur;

Ikkunsidrat;

Lanqas jista' jiġi ammess ir-riljev l-ieħor tad-difiża, li l-Maġistrat ma semma b'xejn fis-sentenza appellata l-ele-ment tax-"scienter". Għalkemm hu veru li fis-sentenza ap-pellata ma hemmx dik il-korrelazzjoni li hi desiderabbli bejn il-fatti u l-ipotesi tal-liġi, eppure dan mhux motiv ta' nullità, għax wieħed għandu jirritjeni li, ladarba l-Maġistrat wasal għall-konklużjoni ta' reità, hu kien soddisfatt li kienu jikkorkorru l-elementi kollha biex tiġi ntegrata l-ipotesi tal-liġi, kompriż dak intenzjonali. Kien ikun divers il-każ kieku xi element minnhom kien msemmi u kien żbaljat;

Kwantu għall-fatti, ikkunsidrat;

Jirriżulta soddisfaċentement mill-provi......;

*Omissis;*

(3) L-imputat ċaħad speċifikatament li ta xeba lill-martu f'dik id-data. Fin-notamenti tax-xhieda tiegħu jin-għad hekk:— "Mhux veru li tajtha xeba fis-26 ta' Lulju....."; u jirriżulta "aliunde" (ara xhieda Maġistrat Dr. Gouder fol. 32 u Spettur Scicluna fol. 33) li hekk qal;

Ikkunsidrat;

Jibqa', għalhekk, li jiġi pruvat li dik ix-xhieda tal-im-

putat, vwoldieri ċ-ċaħda tiegħu, kienet falsa fis-sens li kienet alterazzjoni xjenti tal-verità;

Fl-istat tal-provi kif kien sal-kawża deċiża fil-5 ta' Ottubru 1956, ma jidherx li kien hemm biżżejjed, tant li l-Maġistrat, fid-dubju, kien illibera (ara fol. 33);

Iżda wara dik is-sentenza kien hemm ix-xhieda ta' oħt mart l-imputat, Giuseppa Farrugia, li xehdet (fol. 42) fis-sens li oħtha kellha dawk il-leżjonijiet, li din oħtha semmiet fix-xhieda tagħha, in konsegwenza ta' xeba li kien ta lill-martu l-imputat dak nhar li din Giuseppa Farrugia għamlet ir-rapport l-Għassa; u jirriżulta mix-xhieda tas-Surġent Micallef li din Giuseppa Farrugia kienet għamlet ir-rapport fis-26 ta' Lulju 1956, ftit qabel ma rrapportat oħtha stess, mart l-imputat (ara fol. 19);

Għalhekk, ix-xhieda ta' Grazia Zammit, mart l-imputat, fis-sens li l-imputat taħa xeba fis-26 ta' Lulju 1956 hi korroborata mix-xhieda ta' oħtha Giuseppa Zammit, kombinata ma' dik tas-Surġent Micallef. U skond l-art. 635(1) Kap. 12, imputazzjoni ta' sperġur tista' tiġi sostnuta fuq ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, meta din ix-xhieda tkun korroborata f'xi ċirkustanza li tkun tiswa biex tistabbilixxi d-delitt allegat minn provi oħra miġjubin skond il-liġi;

Il-provi l-oħra, li semma l-Maġistrat, ma kienux jiswew; għaliex il-Maġistrat speċi ta assuma li l-fatti li x-xhieda l-oħra xehdu fuqhom ġraw fis-26 ta' Lulju 1956, mentri dawk ix-xhieda ma semmewx ebda data, iżda aċċennaw għażżmien vagament u approssimativament, mentri f'dan il-kaz, peress li l-imputat ammetta li sawwat lill-martu drabi oħra, iżda ċaħad li sawwatha fis-26 ta' Lulju 1956, il-pont kollu kien appuntu jirrigwarda dik id-data partikulari. Issa, però, kif ingħad, hemm ix-xhieda ta' Giuseppa Farrugia;

Jikkonkorru, għalhekk, l-elementi tal-imputazzjoni ta' sperġur, ċjoè xhieda b'ġurament, quddiem Qorti kompe-

jenti f'kawża kriminali, u l-alterazzjoni xjenti tal-vertià "in facto principali", bi ħsara tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.